MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2003

Avvi$Z Numru. 684/2002

**Avviz numru 684/02DM**

**Alberta Fire & Security Equipment Limited**

**Vs**

**Cosmoline Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema il-kumpanija attrici talbet l-kundanna tal-kumpanija konvenuta ghall hlas tas-somma ta' Lm3288.57 (tlett elef mitejn u tmienja u tmenin Liri Maltin u seba' u hamsin centezmi) rapprezentanti bilanc ta' somma akbar u dovuti lis-socjeta attrici bhala prezz ta' sistemi ta' sigurata' mibjugha lilhom u installati fuq istruzzjonijiet taghhom.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali tat- 2 ta' Settembru, 2002, tal-mandat ta' sekwestru pprezentat

kontestwlament mal-avviz u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data ta’ kull fattura relattiva annessi mal-avviz u mmarkati Dok A, kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat illi l- konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici.

Rat ukoll in-nota tal-atturi permezz ta’ liema huma cedew is-sorte stante hlas da parte tal-konvenuti izda zammew ferm il-kap tal-ispejjez.

Billi l-konvenuti naqsu biex jidhru fis-seduta tal-lum biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni, il-Qorti ssib illi t-talba tal-atturi ghall-ispejjez tal-kawza tinsab gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant qeghda  tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi l-ispejjes tal-kawza.

--------------------------------TMIEM--------------------------------